MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 190/2002

**Appell Nru 190/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bernard Borg u**
**Angelina F. Vassallo**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Bernard Borg u Angelina F. Vassallo talli fis-27 ta' April, 2002 ghall-habta tas-1.00 pm fil-Belt Valletta (**1**) ikommettew serq ta' oggetti mill-hanut "Morgan" sitwat fi Triq il-Merkanti, Valletta, ta' valur ta' anqas minn ghaxar liri a dannu ta' Alfred Camilleri, u liema serq jitqies bhala serq semplici; (**2**) talli fl-istess data w hin ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-hanut Diesel sitwat ukoll fi Triq

il-Merkanti, Valletta, liema oggetti misruqa jammontaw ghal madwar Lm80.60c a dannu ta’ Leonard Cassar, liema serq jitqies bhala serq semplici; u (**3**) talli f’istess data w hin ikommettew serq ta’ diversi oggetti mill-hanut “Mango” sitwat fi Triq Santa Lucija, Valletta, liema oggetti misruqa jammontaw ghal Lm19.51c, u liema serq jitqies bhala serq semplici;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta’ Lulju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imputati, iddikjarathom hatja ta’ serq simplici kontinwat u kkundannathom xahar prigunerija kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Bernard Borg u Angelina F. Vassallo, minnhom ippresentat fit-8 ta’ Awissu, 2002, li permezz tieghu talbu r-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza (inkluzi l-fedini penali li din il-Qorti stess ordnat li jigu inseriti fl-atti); semghet lill-Avukat Dott. Christian Grima ghall-appellanti u lill-Avukata Dott. Michaela Spiteri ghall-intimat Avukat Generali; ikkunsidrat:

L-appellanti bazikament jelenkaw tlett ragunijiet ghala, skond huma, ma kellhomx jinghataw piena ta’ prigunerija (jew piena ta’ prugunerija b’effett immedjat), u cioe: (i) in-natura tar-reati, li huma jiddeskrivu bhala *“petty thefts”* jew *“shop lifting”*, (ii) il-fatt li ammettew mill-ewwel u cioe` appena tressqu quddiem il-qorti, kif ukoll (iii) l-eta` taghhom. Bhala fatt jirrisulta li l-appellanti ghandhom fedina penali nadifa, u cioe` qatt ma gew ikkundannati ghal xi reat – delitt jew kontravvenzjoni – iehor.

L-ewwel qorti, fis-senteza taghha, qalet hekk:

**Il-Qorti tenfasizza ukoll illi l-eta` u l-kondotta nadifa precedenti ma humiex wahedhom cirkostanzi sufficjenti li jintitolaw lill-imputati biex jippretendu bil-fors il-koncessjoni ta’ *probation order* jew ta’ sentenza sospiza, ghaliex altrimenti kull zaghzugh**

**jista' jippretendi li ghandu dritt li jikkommetti l-ewwel reat tieghu (fejn jinqabad) bi kwazi impunita`.**[1]

Din il-Qorti taghmilha cara li tifhem u taprezza il-preokkupazzjoni ta' l-ewwel qorti dwar certa attitudini li donnha qed tinbet, anke sfortunatament fost l-avukati, li ghax persuna tkun *"first offender"* jew tkun ta' eta` relattivament zghira, allura wiehed jippretendi kwazi bi dritt li dik il-persuna m'ghandhiex tmur il-habs. Il-Qorti taghmilha cara li anke *"first offenders"* u nies ta' eta` relattivament zghira jistghu, u f'certi kazijiet ghandhom, imorru l-habs. Mill-banda l-ohra wiehed irid ihares <u>ukoll</u> lejn in-natura tar-reat fil-kaz konkret. Fil-kaz in dizamina ghandna serq semplici kontinwat – effettivement tlett serqiet semplici minn daqstant stabbilimenti vicin ta' xulxin, fl-istess gurnata u prattikkament fl-istess hin.

Kif jispjega l-awtur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing**[2] (u evidentement b'referenza ghall-prassi u ghall-ligi Ingliza, prassi u ligi li, in tema ta' *sentencing policy*, spiss iggwidaw 'l qrati taghna):

**A number of cases suggest that a sentence of imprisonment will rarely be appropriate for the shoplifter with no previous convictions, although the Court [of Appeal] has indicated that there is no set minimum number of convictions which must occur before imprisonment may be considered…More commonly the defendant in a shoplifting case which comes before the Court is a persistent offender with a long record of various offences of dishonesty. In such cases a custodial sentence will normally be upheld, although the sentencer is bound by the normal principle requiring proportionality between offences and sentence, and the appropriate sentence will often be relatively short…In a few cases the appellant clearly falls between the extremes of the persistent shoplifter for whom a sentence of imprisonment will normally be appropriate (at least in the absence of**

---

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Krminali.

[2] It-tieni edizzjoni (1979), Heineman (London).

**reasons for experimenting with probation or another individualised measure), and the first offender for whom the appropriate sentence will normally be a fine or conditional discharge.** (pp. 156, 158).

U fl-edizzjoni tas-sena li ghaddiet (cioe` 2001) ta' **Blackstone's Criminal Practice**[3] jinghad hekk:

**Court of Appeal decisions indicate that shoplifting should not attract a custodial sentence, unless the offender has a record of similar offending or the shoplifting was carefully planned and executed or there were other aggravating features.** (p. 257, para. B4.6).

S'intendi, dan kollu jrid jigi inkwadrat kemm fil-kuntest socjali ta' Malta, kif ukoll – u aktar importanti – fil-kuntest tal-ligi taghna li in tema ta' serq, u specjalment ghal dak li jirrigwarda l-piena ghas-serq, hija sostanzjalment differenti mill-ligi Ingliza.

Fil-kaz ta' l-appellanti odjerni, minkejja l-eta` taghhom u minkejja li ghandhom fedina penali nadifa, dawn xejn ma ddejqu li fi spazju ta' ftit hin, jisirqu minn <u>tlett stabbilimenti differenti</u>. Huwa veru li kull serqa tibqa', skond l-Artkolu 284 tal-Kodici Kriminali, serq semplici u mhux serq kwalifikat (*aggravated theft*), izda f'dan il-kaz hemm il-kwalifika tal-kontinwat fit-termini ta' l-Artikolu 18. Ghalhekk il-piena applikabbli kienet minn minimu ta' xahrejn sa massimu ta' sena. Dan ifisser li, ghall-anqas fir-rigward ta' l-appellanti Vassallo, l-ewwel qorti <u>bi zvista</u> nizlet taht il-minimu ghal dak li jirrigwarda l-piena restrittiva tal-liberta` (u l-ligi taghna ma tipprovdix ghall-piena tal-multa fil-kaz ta' serq semplici). Mill-banda l-ohra jidher li meta l-appellant Borg ikommetta r-reati in kwistjoni hu kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il sena (mill-fedina penali jirrizulta li huwa twieled fit-22 ta' April, 1984). Fil-konfront tieghu, ghalhekk, il-piena tinzel bi grad jew tnejn (Art. 37), b'mod li l-minimu jsir detenzjoni jew ammenda u l-massimu disa' xhur prigunerija. L-ewwel qorti, li ma

[3] Blackstone Press Limited (London).

kellhiex quddiemha la c-certifikat tat-twelid ta’ l-appellant Borg u anqas il-fedina penali tieghu, evidentement ma haditx in konsiderazzjoni l-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanza tal-kontinwat, ghandu jkun hemm piena restrittiva tal-liberta`. Fil-kaz ta’ l-appellanti Vassallo, izda, din il-piena ser tigi sospiza ghall-periodu ta’ sentejn skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu, pero`, ma japplikax ghall-piena tad-detenzjoni (a differenza ta’ prigunerija). Il-Qorti, ghalhekk, ser tikkundanna lill-appellant Borg ghal piena qasira ta’ detenzjoni biex isir jaf sew x’hemm jistennieh jekk huwa ma jaghmilx il-fren minn issa fuq l-impulsi tieghu biex jiehu l-proprjeta` ta’ haddiehor minghajr ma jhallas ghaliha.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lil Bernard Borg u lil Angelina F. Vassallo hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, thassaraha u tirrevokaha fil-bqija (cioe` fejn ikkundannathom ghall-piena ta’ xahar prigunerija kull wiehed b’effett immedjat), u minflok (**i**) tikkundanna lil Bernard Borg ghall-piena ta’ hamest (5) ijiem detenzjoni, u (**ii**) tikkundanna lil Angelina F. Vassallo ghall-piena ta’ xahar prigunerija b’dan li, fit-termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, din is-sentenza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta’ sentejn mill-lum, hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Ghal kull buon fini il-Qorti tiddikjara li spjegat lill-hatja Angelina F. Vassallo bi kliem car ir-responsabbilita` taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (8) ta’ l-Artikolu 28A imsemmi.

Kopja Informali ta' Sentenza

Aldo Testone
Assistent Registratur